# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 10**

**Avviz numru 1289/97/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Nazju Falzon**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' Gunju ta' l-1997 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u tmintax-il lira Maltin u erbghin centezmu, (Lm518.40,0), rapprezentanti ammont dovut ghall-pulses, kera, xoghol "extra" u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera u dan in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 436175 – gia 433446 (skond**

**l-anness statement Dokument A) liema servizz kien gie stallat fuq talba tieghu fil-fond fuq imsemmi u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness kopja tat-talba ghal xoghol annessa u mmarkata bhala dokument B;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-present, tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru, 1996, it-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet fuq indikata datata t-2 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi kif ser jirrizulta mill-provi l-eccipjent ma ghandu jhallas lis-socjeta' attrici ebda ammont ghall-pulses, kera, xoghol "extra" u taxxa fuq il-valur mizjud ghan-numru tat-telefon 433446 – 436175 u dana peress li l-eccipjent qatt ma ghamel uzu mis-servizzi indikati fl-avviz fl-ismijiet premessi, hawn indikati kif qed tallega s-socjeta' attrici;**

**2. Salv eccezzjonijiet ohra permissibli bil-ligi;**

**Semghet ix-xhieda;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:**

**1. Illi skond "breakdown" u "itemised bill" tas-socjeta' attrici, jirrizulta li l-konvenut ghamel b'kemm jiswew hames mija u tmintax-il Lira**

**Maltin u erbghin centezmu, (Lm518.40,0), f'telefonati, specjalment ghall-esteru;**

2. **Illi ghalkemm il-konvenut mill-ewwel cahad li tella kont hekk kbir, pero' s-socjeta' attrici ma tatx widen ghal dan u ippersistiet bit-talba taghha;**

3. **Illi ma jirrizultax li t-telefonati ndikati ghamilhom il-konvenut;**

4. **Illi s-socjeta' attrici ma pprovatx ghas-sodisfazzjon tal-qorti li ezaminat funditus is-sitwazzjoni biex verament tara minn effettivament ghamel dawn it-telefonati;**

5. **Illi dan facilment jirrizulta li jista' jsir internament u l-kolpa tigi akkollata b'mod in sindakabbli;**

6. **Illi dan mhux accettabbli ghal din il-qorti;**

**Ghaldaqstant, in vista tas-suespost takkolji l-eccezzjonijiet fuq indikati u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**